2025/1473

21.7.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/1473

tat-18 ta' Lulju 2025

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1465 dwar azzjoni tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Mekkaniżmu ta' Verifika u Spezzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Jemen

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Settembru 2018, abbażi ta' talba mill-Mekkaniżmu ta' Verifika u Spezzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (UNVIM), il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1249 ([1]) dwar azzjoni tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-UNVIM.

(2) Fit-12 ta' Ottubru 2020, abbażi ta' talba mill-UNVIM, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1465 ([2]) u ġedded l-azzjoni tal-Unjoni b'appoġġ għall-UNVIM.

(3) Fit-28 ta' Settembru 2024, abbażi ta' talba mill-UNVIM, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2503 ([3]) u ġedded l-azzjoni tal-Unjoni b'appoġġ għall-UNVIM għal perjodu ta' 12-il xahar, sat-30 ta' Settembru 2025.

(4) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 2722 (2024) ikkundannat il-forniment ta' armi u materjal relatat ta' kull tip lill-Houthis, bi ksur ta' UNSCR 2216 (2015), u appellat għal kooperazzjoni prattika addizzjonali biex l-Houthis ma jitħallewx jakkwistaw il-materjal meħtieġ biex iwettqu aktar attakki.

(5) Il-UNSCR 2742 (2024) estendiet il-mandat tal-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti li tappoġġa l-Ftehim ta' Hodeidah (UNMHA) sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-ftehim dwar il-Belt ta' Hodeidah u l-portijiet ta' Hodeidah, Saleef u Ras Issa stabbilit fil-Ftehim ta' Stokkolma konkluż fit-13 ta' Diċembru 2018 mill-partijiet għall-kunflitt fil-Jemen u approvat mill-UNSCR 2451 (2018) u l-UNSCR 2452 (2019).

(6) Fl-20 ta' Mejju 2025, il-Kunsill iddikjara li l-Unjoni tikkundanna l-proliferazzjoni tal-armi li minnha jibbenefikaw l-Houthis u gruppi mhux statali armati oħra, inkluż organizzazzjonijiet terroristiċi ddeżinjati bħal Al-Shabaab u Al-Qaeda fil-Peniżola Għarbija (AQAP), bi ksur tad-dritt internazzjonali, kif ukoll iż-żieda drammatika fit-traffikar tal-armi fil-Jemen, fil-Baħar l-Aħmar u fil-Qarn tal-Afrika, li qiegħda tipperikola l-istabbiltà reġjonali. Barra minn hekk, il-Kunsill iddikjara li l-Unjoni ser tkompli tappoġġa l-Mekkaniżmu ta' Verifika u Spezzjoni tan-NU (UNVIM), filwaqt li jappella għat-tisħiħ tal-mandat tagħha sabiex issaħħaħ ir-rwol u l-effiċjenza tagħha fl-infurzar tal-embargo tan-Nazzjonijiet Uniti skont il-UNSCR 2216 (2015).

(7) Il-UNVIM talab aktar appoġġ mill-Unjoni għal sena.

(8) Jenħtieġ li l-Unjoni ġġedded l-appoġġ tagħha għall-UNVIM għal sena għall-implimentazzjoni tal-mandat tiegħu.

(9) Għalhekk, jenħtieġ li jiżdied ammont ta' referenza finanzjarja biex ikopri l-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2025 sat-30 ta' Settembru 2026.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1249 tat-18 ta' Settembru 2018 dwar azzjoni tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Mekkaniżmu ta' Verifika u Spezzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Jemen (ĠU L 235, 19.9.2018, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2018/1249/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1465 tat-12 ta' Ottubru 2020 dwar azzjoni tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Mekkaniżmu ta' Verifika u Spezzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Jemen (ĠU L 335, 13.10.2020, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2020/1465/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2503 tat-23 ta' Settembru 2024 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1465 dwar azzjoni tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Mekkaniżmu ta' Verifika u Spezzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Jemen (ĠU serje L, 2024/2503, 24.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2503/oj).

(10) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1465 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2020/1465 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3(1), jiżdied l-inċiż li ġej:

"— EUR 2 200 000 għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2025 sat-30 ta' Settembru 2026.";

(2) fl-Artikolu 5, it-tielet paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għandha tiskadi fit-30 ta' Settembru 2026."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Ottubru 2025.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BJERRE